MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 71/2003

**Elmo Insurance Agency Limited bhala Rapprezentanti tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Lorenzo Zammit u l-istess Lorenzo Zammit**

**Vs**

**Godwin Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ sitt mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm629.43) [Lm479.43 lil Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm150 lil Lorenzo Zammit] minnhom sborsati bhala konsegwenza ta’ incident tat-traffiku li sehh f’San Giljan fil-11 ta’ Novembru 2001, meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura KAI 428 habat mal-vettura OCT 030, propjeta tal-attur

Lorenzo Zammit u misjuqa minn Alan Zammit, ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-atturi fis-seduta tal-lum u minn liema xhieda jirrizulta ampjament li l-htija ghall-incident in kwistjoni huwa unikament tal-konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm629.43) kif fuq spejgat, bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------